



Brussell, 29 ta' Novembru 2021
(OR. en)

14426/21

JEUN 141
EDUC 391
SOC 698
EMPL 523
SAN 708
SUSTDEV 170

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 13681/21	
Suġġett:	Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar l-Eżiti ta-Tmien Ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar l-eżiti tat-Tmien Ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, kif adottata mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu tad-29 u t-30 ta' Novembru 2021.

**Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin
fil-Kunsill dwar l-eżiti tat-tmien Ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ**

FILWAQT LI JFAKKRU LI

1. Din ir-riżoluzzjoni tibni fuq ir-Riżoluzzjoni dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027¹, ir-Riżoluzzjoni li tistabbilixxi linji gwida dwar il-governanza tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġh², il-Konklużjonijiet dwar it-trawwim tal-kuxjenza demokratika u l-involviment demokratiku fost iż-żgħażaġh fl-Ewropa³, il-Konklużjonijiet dwar tisħiħ tal-governanza f'diversi livelli fil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet⁴, u l-eżiti taċ-ċikli preċedenti tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ.
2. Ir-Riżoluzzjoni dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 tistabbilixxi objettivi ġenerali, prinċipji gwida u bażi għal aktar kooperazzjoni fil-qasam taż-żgħażaġh fil-livell tal-UE. Ir-riżoluzzjoni tappella għal involviment akbar taż-żgħażaġh fid-djalogu ma' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, u għall-involviment taż-żgħażaġh minn diversi sfondi u gruppi soċjali.

¹ Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027, (2018/C 456/01).

² Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill li tistabbilixxi linji gwida dwar il-governanza tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ - Strateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027, ĠU C 189, 5.6.2019, p. 1.

³ Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar it-trawwim tal-kuxjenza demokratika u l-involviment demokratiku fost iż-żgħażaġh fl-Ewropa (2020/C 415/09).

⁴ Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar tisħiħ tal-governanza f'diversi livelli fil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet (2021/C 241/03).

3. Id-djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ (EUYD) huwa mekkaniżmu ta' parteċipazzjoni għaż-żgħażaġh fl-UE. Dan iservi ta' forum għal riflessjoni konġunta kontinwa u għal konsultazzjoni dwar il-prijoritajiet, l-implimentazzjoni u s-segwitu tal-kooperazzjoni fil-livell tal-UE fil-qasam taż-żgħażaġh⁵ bejn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, iż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, u li jippermetti sħubija kontinwa fil-governanza ta' dawn il-proċessi fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew.
4. L-Istati Membri huma mħeġġa jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-fażijiet kollha tal-implimentazzjoni tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ billi jinvolvu s-settur taż-żgħażaġh u billi jagħtu, fejn xieraq, rwol ewlieni lill-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażaġħ (NYC)⁶ rispettiv fil-Grupp ta' Ħidma Nazzjonali (NWG) u fil-Grupp ta' Tmexxija Ewropew (ESG).
5. L-eżiti tat-Tmien Ċiklu tal-EUYD huma bbażati fuq it-tliet Konferenzi tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ minn dan iċ-ċiklu, fuq feedback minn konsultazzjonijiet u avvenimenti kwalitattivi nazzjonali u Ewropej mill-fażi tad-djalogu, fuq ir-riżultati kwantitattivi tal-Istħarriġ Ċentrali tal-EUYD, u fuq ir-riżultati mill-fażi tal-impatt fil-livell nazzjonali u Ewropew, u jikkontribwixxu għall-integrazzjoni tal-implimentazzjoni f'diversi livelli u transsettorjali tal-Għan dwar iż-Żgħażaġħ #9 "Spazju u Parteċipazzjoni għal Kulħadd". Iċ-ċiklu għe kkoordinat fil-livell Ewropew mill-Grupp ta' Tmexxija Ewropew.
6. L-għan ta' dan id-dokument huwa li jiżgura li l-eżiti tat-Tmien Ċiklu tal-EUYD jiġu rikonoxxuti u jingħataw segwitu mill-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-qasam tal-politiki nazzjonali u Ewropej dwar iż-żgħażaġh, u li jiżgura l-kwalità u l-kontinwità fl-implimentazzjoni tal-proċess tal-EUYD u l-eżiti tiegħu.

⁵ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi "Erasmus": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 COM/2018/367 final - 2018/0191 (COD).

⁶ Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027, (2018/C 456/01).

FILWAQT LI JIRRIKONOXU LI

7. It-Tmien Ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġ matul il-Presidenzi Ġermaniża-Portugiża-Slovena matul il-perijodu mill-1 ta' Lulju 2020 sal-31 ta' Diċembru 2021 taħt it-titolu komuni "Ewropa għaż-Żgħażaġ - Żgħażaġ għall-Ewropa: Spazju għad-Demokrazija u l-Parteċipazzjoni" jibni fuq l-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażaġ, jiġifieri l-Għan għaż-Żgħażaġ #9 "Spazju u Parteċipazzjoni għal Kulħadd" tal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġ 2019-2027.
8. Filwaqt li r-Riżoluzzjoni dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġ 2019-2027 tappella għal involviment akbar taż-żgħażaġ fil-proċess ta' Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġ, hija teħtieġ kapaċità suffiċjenti, b'mod partikolari riżorsi finanzjarji u umani, biex tilħaq maż-żgħażaġ kollha fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew u tikkomunika magħhom.
9. Il-kontribut tal-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali huwa importanti fit-tmexxija tal-proċessi tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġ fil-livell nazzjonali, inkluż fil-livell reġjonali u lokali, b'mod partikolari biex jintlaħqu gruppi differenti ta' żgħażaġ u biex il-partijiet ikkonċernati nazzjonali, reġjonali u lokali differenti jiġu konnessi mal-proċess.
10. Il-kontribut tal-Organizzazzjonijiet Internazzjonali taż-Żgħażaġ Mhux Governattivi (INGYOs) huwa importanti biex iwassal firxa ta' perspettivi minn madwar l-Ewropa għad-djalogu ta' politika u biex jiġi żgurat kontribut ta' kwalità dwar id-dimensjoni tranżnazzjonali tal-proċess ta' Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġ.

11. Karatteristika partikolari tat-Tmien Ċiklu kienet l-enfasi fuq il-kwalità tal-parteċipazzjoni u l-użu predominanti tal-għodod diġitali fil-kuntest tal-kriżi tas-saħħa. It-Tmien Ċiklu tal-proċess tal-EUJD seħħ matul il-pandemija tal-COVID-19 meta l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE kellhom fis-seħħ miżuri ta' tbeġhid soċjali, li llimitaw il-kapaċità li jsiru laqgħat fiżiċi. Minħabba l-pandemija, it-tliet Konferenzi tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ ġew organizzati f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kunsilli Nazzjonali taż-Żgħażaġħ rispettivi f'format virtwali.
12. Il-Presidenza Ġermaniża ffukat fuq is-sensibilizzazzjoni demokratika u l-impenn demokratiku fost iż-żgħażaġh fl-Ewropa taħt is-slogan "Żgħażaġħ u Demokrazija". Bħala bażi għal konsultazzjonijiet u avvenimenti fil-livell nazzjonali u Ewropew, ġie propost sett ta' mistoqsijiet kwalitattivi lill-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali (NWG) fl-Istati Membri u lill-Organizzazzjonijiet Internazzjonali Mhux Governattivi taż-Żgħażaġħ (INGYOs), b'enfasi fuq is-seba' miri tal-Għan dwar iż-Żgħażaġħ #9 "Spazju u Parteċipazzjoni għal Kulħadd".
13. Il-Presidenza Portugiża ffukat fuq it-tisħiħ tal-governanza f'diversi livelli permezz tal-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u għamlet enfasi partikolari fuq il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh permezz tal-innovazzjoni diġitali. Ingħatat attenzjoni wkoll lill-approċċi bbażati fuq id-drittijiet taż-żgħażaġh għall-politiki dwar iż-żgħażaġh, u dan kien is-suġġett tad-dibattitu ta' orjentazzjoni li sar fil-laqgħa tal-Kunsill tal-Ministri għaż-Żgħażaġħ fis-17 ta' Mejju 2021. Peress li l-Presidenza Portugiża ħabtet mat-tranżizzjoni mill-fażi tad-djalogu għall-fażi ta' implimentazzjoni, ġie żviluppat sett ta' għodod b'azzjonijiet konkreti biex jiġi implimentat l-Għan dwar iż-Żgħażaġħ #9, b'kont meħud tar-rapporti dwar il-konsultazzjonijiet u l-avvenimenti kwalitattivi, u d-diskussjonijiet li saru mid-delegati Portugiżi tal-Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ. Barra minn hekk, saret is-Solve the Gap Hackathon ta' 28 siegħa u dan wassal għall-ħolqien ta' għodda online biex tippromwovi l-involviment taż-żgħażaġh fil-proċessi demokratiċi. L-għodda ser tidher fil-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ.

14. Il-Presidenza Slovena esplorat l-importanza ta' spazji ċiviċi għall-parteeipazzjoni taż-żgħażaġh u modi biex tissalvagwardjahom. Tat ħarsa wkoll lejn ir-riżultati kwantitattivi tal-Istħarriġ Ċentrali tal-EUYD u r-riżultati mis-sett ta' mistoqsijiet gwida introdotti taħt il-Presidenza Portugiża, billi użathom biex tesplora Prattiki tajbin għall-implimentazzjoni tal-Għan dwar iż-Żgħażaġħ #9 u l-miri tiegħu, u tbiddel dawn il-prattiki f'Azzjonijiet għaż-Żgħażaġħ. Ġew identifikati l-ostakli għall-implimentazzjoni tagħhom u t-triq 'il quddiem.

IQISU LI

15. Kull ċiklu tal-EUYD jibni fuq ċikli preċedenti, fuq il-Konferenzi tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ u fuq il-ħidma tal-presidenzi tal-Kunsill tal-UE fil-qasam taż-żgħażaġh. Huwa jenfasizza r-rwol u l-importanza tal-għaqda tat-triju ta' Presidenzi fl-ilħuq tal-oġettivi ta' kull ċiklu tal-EUYD u fil-kontribut biex jintlaħqu l-miri stabbiliti fl-Għanijiet dwar iż-Żgħażaġħ, billi jintrabtu ċikli suċċessivi.
16. Il-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali użaw varjetà ta' metodi, bħal metodi viżivi parteċipattivi u metodi ta' riċerka ta' azzjoni parteċipattiva, avvenimenti madwar mejda u avvenimenti ta' djalogu online maż-żgħażaġh. L-INGYOs iffaċilitaw avvenimenti madwar mejda li involvew lil dawk li jfasslu l-politika u ż-żgħażaġh fil-livell Ewropew.
17. Il-Grupp ta' Tmexxija Ewropew ippropona l-Istħarriġ Ċentrali tal-EUYD bħala mod kif jiġu esplorati segmenti oħra tal-parteeipazzjoni taż-żgħażaġh sabiex tiġi inkluża firxa wiesgħa kemm jista' jkun ta' vuċijiet u bħala mod kif il-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali u l-INGYOs jiġu mħeġġa jiffukaw aktar fuq formati kwalitattivi u aktar sinifikanti għall-parteeipazzjoni fil-proċess ta' djalogu, u b'hekk jingħata valur miżjud lill-konsultazzjonijiet fil-livell tal-UE.

18. Il-kooperazzjoni u l-kokreazzjoni sinifikanti bejn it-tliet presidenzi tal-UE involuti u l-Kunsilli Nazzjonali taż-Żgħażaġħ rispettivi tagħhom, il-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ u l-Kummissjoni Ewropea kienu fost il-prinċipji ewlenin li ggwidaw l-implimentazzjoni tat-Tmien Ċiklu tal-EUYD.
19. Li ż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh jitqiegħdu fil-qalba tat-tfassil, l-ippjanar, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u s-segwitu taċ-ċiklu u l-attivitajiet kollha tiegħu, pereżempju billi jiġi żgurat li l-Kunsilli Nazzjonali taż-Żgħażaġħ tal-presidenza jkollhom id-dritt li jikkopresiedu l-Grupp ta' Tmexxija Ewropew, kien aspett ewlieni fis-suċċess tat-Tmien Ċiklu tal-EUYD.
20. Ir-rikonoxximent ulterjuri tal-involviment u l-kontribut tal-INGYOs fil-proċess tal-EUYD huwa importanti biex jiġi żgurat li d-djalogu jkollu dimensjoni Ewropea b'saħħitha; għandhom jiġu żgurati finanzjament u appoġġ politiku sostenibbli, strutturali u suffiċjenti fil-livelli Ewropej u nazzjonali sabiex kemm il-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali kif ukoll l-INGYOs ikunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet tagħhom fil-qafas tal-proċess uffiċjali tal-EUYD.
21. Il-Konferenzi tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ huma parti sinifikanti mill-proċess ta' djalogu taż-żgħażaġh, joħolqu spazji sikuri fejn il-parteciċipanti jkollhom l-għarfien u l-opportunitajiet meħtieġa biex jikkontribwixxu, u għandhom ilaqqgħu flimkien lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet biex jieħdu sehem fid-djalogu b'mod sinifikanti, jaqsmu il-fehmiet maż-żgħażaġh fuq bażi ugwali, joħolqu flimkien magħhom l-eżiti tal-Konferenzi, u jintegraw l-eżiti, fejn possibbli, fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi tagħhom sabiex jiġi żgurat proċess sinifikanti ta' parteciċipazzjoni taż-żgħażaġh.
22. L-organizzazzjoni tal-avvenimenti kollha relatati mad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ bl-aktar mod sostenibbli possibbli, u filwaqt li jitqiesu d-dimensjonijiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi tas-sostenibbiltà, hija element importanti biex il-proċess isir aktar sinifikanti għaż-żgħażaġh u għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet.

23. L-enfasi fuq l-implimentazzjoni tal-Għan dwar iż-Żgħażaġħ #9 sabiex il-miri tiegħu jinbidlu f'Azzjonijiet għaż-Żgħażaġħ għab dimensjoni għdida importanti fil-proċess tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ billi għab il-bidliet li huma meħtieġa biex titjieb il-ħajja taż-żgħażaġh fl-Ewropa, u jista' jiġi adottat minn ċikli futuri tal-EUYD bħala prattika tajba u ta' ispirazzjoni.

JAGĦRFU LI

24. Iż-żgħażaġh huma l-preżent u l-futur ta' Ewropa sostenibbli, soċjali, newtrali għall-klima, prospera u demokratika li tkun adattata għall-era diġitali. Il-parteciġpazzjoni tagħhom hija vitali fit-tfassil tal-preżent u l-futur tal-Ewropa, filwaqt li jiġi żgurat li ċ-ċittadini kollha tagħha jgawdu minn sodisfazzjon u benesseri personali, u jingħataw is-setgħa li jinvolvu ruħhom f'ċittadinanza attiva u responsabbli.
25. Il-pandemija tal-COVID-19 u l-miżuri eċċezzjonali li ttieħdu biex tiġi miġġielda l-pandemija kellhom impatt serju fuq il-parteciġpazzjoni taż-żgħażaġh u fuq l-ispazji ċiviċi għaż-żgħażaġh, li ċkienu dejjem aktar u jistgħu jiġu salvagwardjati b'mod proattiv. Il-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat ukoll l-importanza li jiġu esplorati u żviluppati aktar forom għodda ta' parteciġpazzjoni u involviment ċiviku, speċjalment fil-kuntest tal-parteciġpazzjoni diġitali taż-żgħażaġh, filwaqt li fl-istess ħin jiġu rikonoxxuti u indirizzati d-distakki diġitali eżistenti u l-limiti tal-parteciġpazzjoni diġitali⁷.

⁷ Sħubija taż-Żgħażaġħ: Tomaž Deželan u Laden Yurttagüler (2021), Grupp ta' Riċerkaturi Żgħażaġħ Ewropej, Spazju demokratiku li qed jiċkien għaż-żgħażaġh.

26. Il-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażaġh fil-konsultazzjonijiet kwalitattivi nazzjonali u Ewropej implimentati mill-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali u l-Organizzazzjonijiet Internazzjonali Mhux Governattivi taż-Żgħażaġħ, u l-involviment attiv tagħhom fl-Istħarriġ Ċentrali tal-EUYD inniedi mill-Grupp ta' Tmexxija Ewropew, kif ukoll l-involviment attiv tagħhom fil-fażi ta' implimentazzjoni. Il-konsultazzjonijiet u l-fażi ta' implimentazzjoni involvew użu varjat u innovattiv ta' sħarriġiet fuq skala iżgħar, gruppi fokus, avvenimenti kbar ta' djalogu maż-żgħażaġh, workshops, riċerka ta' azzjoni parteċipattiva, metodi viżwali parteċipattivi, diskussjonijiet madwar mejda tonda u avvenimenti ta' djalogu diġitali maż-żgħażaġh.
27. L-attivitajiet u l-miżuri proposti u li qed jitwettqu minn NWGs u INGYOs f'ċirkostanzi li saru diffiċli minħabba l-pandemija, bħala parti mill-proċess biex l-Għan dwar iż-Żgħażaġħ #9 jinbidel f'Azzjonijiet għaż-Żgħażaġħ.
28. Il-kooperazzjoni b'suċċess u s-sħubija ugwali fil-Grupp ta' Tmexxija Ewropew matul iċ-ċiklu kollu, li jibnu fuq ir-rakkomandazzjonijiet taċ-ċikli preċedenti tal-EUYD għall-implimentazzjoni f'diversi livelli u transsettorjali tal-EUYD.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI, F'KONFORMITÀ
MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ U FI ĦDAN L-ISFERI TA' KOMPETENZA
RISPETTIVI TAGĦHOM, BIEX:

29. Jikkunsidraw l-eżiti tat-Tmien Ċiklu ta' Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, inkluż ir-rakkomandazzjonijiet taż-żgħażaġh meħmuża fl-Anness I, meta jfasslu u jimplimentaw il-politiki futuri dwar iż-żgħażaġh, f'sinerġija mal-politiki kollha li jaffettwaw liż-żgħażaġh, u jesploraw modi ulterjuri għall-implimentazzjoni tal-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażaġħ u l-miri li jinsabu fihom.
30. Isaħħu u jtejbu l-proċess ta' Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ billi jikkunsidraw u, fejn possibbli, japplikaw l-aħjar prattiki mit-Tmien Ċiklu ta' Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ u l-prinċipji li ggwidaw l-implimentazzjoni b'suċċess tiegħu, b'mod partikolari billi jpoġġu liż-żgħażaġh u lill-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh fil-qalba tal-proċess u jiżguraw li d-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ ikun proċess immexxi miż-żgħażaġh fejn iż-żgħażaġh u daww li jieħdu d-deċiżjonijiet ikollhom djalogu kostruttiv li jfittex soluzzjonijiet b'impatt reali. Il-Kunsilli Nazzjonali taż-Żgħażaġħ, fejn applikabbli, għandhom għalhekk ikomplu jkunu l-partijiet ikkonċernati ewlenin fil-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali u jingħataw l-appoġġ politiku u finanzjarju meħtieġ biex iwettqu dan ir-rwol.
31. Jirrikonoxxu u jipprijoritizzaw ir-rwol tal-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali (NWGs), l-impenn indispensabbli tagħhom għall-proċess, u l-importanza tagħhom fir-rigward tal-firxa u d-diversità tal-perspettivi.
32. Jipprijoritizzaw u jagħtu viżibbiltà lill-EUYD f'avvenimenti nazzjonali u fil-livell tal-UE u jippromwovu l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet f'kull livell, u jappoġġaw u jsaħħu l-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati differenti, jiġifieri l-Grupp ta' Tmexxija Ewropej, il-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali, il-Forum Ewropej taż-Żgħażaġħ, il-Kunsilli Nazzjonali taż-Żgħażaġħ, l-Organizzazzjonijiet Internazzjonali mhux Governattivi taż-Żgħażaġħ, u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra.

33. Jipprovdu l-appoġġ neċessarju, inkluż ir-riżorsi finanzjarji adegwati, u l-ġhodod ta' parteċipazzjoni adatti għaż-żgħażaġħ meħtieġa biex ikun hemm djalogu maż-żgħażaġħ u biex jintlaħqu aktar żgħażaġħ minn firxa wiesgħa ta' sfondi u gruppi soċjali f'kull livell, bil-ġħan li jinkisbu l-ġħanijiet ambizzjużi stabbiliti għall-proċess ta' Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ fl-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027.
34. Jiżguraw approċċ aktar sostenibbli u strateġiku għall-komunikazzjoni u l-outreach tal-EUYD, fejn tiġi implimentata strateġija ta' komunikazzjoni interna u esterna globali fil-livell Ewropew, u jipprovdu lill-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali b'appoġġ addizzjonali, fejn rilevanti, biex itejbu l-komunikazzjoni tagħhom dwar l-EUYD, maħluqa b'mod konġunt minn organizzazzjonijiet taż-żgħażaġħ, f'konformità mal-istrateġija ta' komunikazzjoni Ewropea, maħluqa taħt it-tmexxija konġunta tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġħ, inkluż logo komuni tal-EUYD, li jagħti tikketta lill-azzjonijiet kollha tal-EUYD, fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali.
35. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri għandhom jiżguraw it-tisħiħ ta' memorja istituzzjonali fit-tul u l-kontinwità tal-ħidma bejn iċ-ċikli tal-EUYD. Għandhom jiġu organizzati skambji regolari u koordinazzjoni ggwidata miż-żgħażaġħ u appoġġati b'mod adegwat bejn it-triju tal-Presidenzi, l-aħħar presidenza mit-triju preċedenti, l-ewwel presidenza mit-triju li jmiss, il-Kummissjoni u l-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ. Id-dokumentazzjoni tal-Grupp ta' Tmexxija Ewropew għandha tkun għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fuq il-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ.
36. Jipprovdu feedback kontinwu liż-żgħażaġħ u lill-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġħ involuti fl-istadji kollha tal-proċess tal-EUYD biex jiġi żgurat djalogu sinifikanti u parteċipazzjoni taż-żgħażaġħ fil-livelli kollha.

U JKOMPLU JINNOTAW LI:

Il-prijorità tematika ġenerali tat-triju tal-presidenzi li jmiss (Franza, ir-Repubblika Ċeka u l-Iżvezja) hija "Naħdmu flimkien għal Ewropa sostenibbli u inklużiva".

RAKKOMANDAZZJONIJIET KONĠUNTI TAT-TMIEN ĊIKLU TAD-DIALOGU TAL-UE
MAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

"L-Ewropa għaż-Żgħażaġħ - Iż-Żgħażaġħ għall-Ewropa"

L-ideat u l-opinjoni taż-żgħażaġh kondiviżi fil-Konferenza tal-UE f'Settembru 2021 kienu ffukati fuq l-Għan dwar iż-Żgħażaġħ #9 Spazju u Parteċipazzjoni għal Kulħadd, u jipprovdu rakkomandazzjonijiet dwar kif għandu jiġi implimentat l-Għan dwar iż-Żgħażaġħ #9. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet miż-żgħażaġh jikkonċernaw is-seba' miri kollha tal-Għan dwar iż-Żgħażaġħ #9. Ir-rakkomandazzjonijiet jirriflettu l-proċess li inbeda mill-Presidenza Ġermaniża, tkompla mill-Presidenza Portugiża, u ntemm mill-Presidenza Slovena.

Ir-rakkomandazzjonijiet ma jimponu l-ebda rekwiżit formali fir-rigward tal-politiki nazzjonali dwar iż-żgħażaġh. Madankollu, dawn jistgħu jservu bħala sors ta' ispirazzjoni għall-Istati Membri.

Mira 1: "Niżguraw li ż-żgħażaġh ikollhom influwenza fuq it-teħid tad-deċiżjonijiet"

- a) Nitolbu li kemm l-Istati Membri kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea jagħtu dejjem feedback konkret liż-żgħażaġh kull meta jinvolvuhom fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom u jassiguraw proċess ta' evalwazzjoni maż-żgħażaġh sabiex jiġi żgurat li l-parteċipazzjoni tkun reali.
- b) Nirrakkomandaw lill-Istati Membri jadottaw jew jiżviluppaw ulterjorment il-leġiżlazzjoni biex jiġu żgurati sistemi sostenibbli ta' ġestjoni konġunta maż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u tat-tfassil tal-politika fil-livell nazzjonali u dak lokali, fost l-oħrajn biex jiġu protetti u estiżi l-ispazji ċiviċi għaż-żgħażaġh.

Mira 2: "Niżguraw aċċess ugwali għall-partekipazzjoni"

- a) Nirrakkomandaw lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea jżidu d-diversità fl-istrutturi tal-partekipazzjoni u jindirizzaw in-nuqqas ta' inklużjoni billi jipprovdu informazzjoni faċilment aċċessibbli għall-gruppi ta' minoranza.
- b) Inħeġġu lill-Istati Membri kollha jappoġġaw lill-partijiet ikkonċernati lokali biex jipprovdu attivitajiet ekstrakurrikulari għaż-żgħażaġh b'inqas opportunitajiet.

Mira 3: "Partekipazzjoni fl-elezzjonijiet u rappreżentanza f'korpi eletti"

- a) Inħeġġu lill-Istati Membri jistabbilixxu proċess ta' votazzjoni simbolika fl-UE kollha għall-elezzjonijiet tal-parlament tal-UE għal gruppi ta' età li għadhom ma jistgħux jivvutaw, f'kooperazzjoni maċ-ċentri lokali taż-żgħażaġh u l-Kunsilli Nazzjonali taż-Żgħażaġħ, sabiex iż-żgħażaġh taħt l-età legali attwali li jivvutaw jiġu mħeġġa jieħdu sehem attiv fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi u b'hekk tissaħħaħ kultura ta' rikonoxximent tal-opinjoni taż-żgħażaġh fil-politika.
- b) Nirrakkomandaw lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jiżviluppaw strateġiji li jappoġġaw liż-żgħażaġh li jixtiequ joħorġu għal kariga fil-livell lokali, nazzjonali u tal-UE, billi jiżviluppaw pjattaforma komuni adatta għaż-żgħażaġh fil-livell Ewropew għaż-żgħażaġh li jkunu qed jipplanaw li joħorġu għall-elezzjonijiet, u jipprovdu materjal biex ikomplu jiġu żviluppati strutturi simili għall-elezzjonijiet nazzjonali.
- c) Nirrakkomandaw lill-Istati Membri jipprovdu edukazzjoni ta' kwalità dwar iċ-ċittadinanza fl-iskejjel għaż-żgħażaġh kollha f'kull Stat Membru, u jadottaw qafas komuni tal-UE, biex iż-żgħażaġh ikunu fiduċjużi fil-ħila tagħhom li jieħdu sehem politikament b'mod sinifikanti u rappreżentattiv.
- d) Nirrakkomandaw lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jsaħħu l-kredibilità tal-istituzzjonijiet politiċi u jħeġġuhom jibbażaw l-azzjonijiet tagħhom fuq fatti xjentifiċi għall-benefiċċju tas-soċjetà kollha sabiex tiġi evitata d-diżillużjoni taż-żgħażaġh lejn it-teħid tad-deċiżjonijiet u l-politika.

Mira 4: "Niżguraw spazji fiżiċi għaż-żgħażaġh"

- a) Nirrakkomandaw lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jqajmu kuxjenza u jippromwovu opportunitajiet ta' finanzjament immirati lejn il-ħolqien u ż-żamma ta' spazji fiżiċi għaż-żgħażaġh.
- b) Nistiednu lill-Istati Membri jimmodifikaw il-politiki edukattivi fil-livell nazzjonali u jipprovdu sistemi ta' monitoraġġ fil-livell tal-UE biex jippromwovu spazji u inizzjattivi sikuri u adatti għaż-żgħażaġh
- c) Nirrakkomandaw lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jintroduċu monitoraġġ tas-salvagwardja tal-ispace fiżiċi għaż-żgħażaġh sabiex jiżguraw id-drittijiet taż-żgħażaġh li jżommu l-ispace fiżiċi tagħhom sikuri minn theddid varju bħall-kummerċjalizzazzjoni u l-kirjiet li qed jiżdiedu.
- d) Nirrakkomandaw lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jagħmlu l-ispace fiżiċi taż-żgħażaġh komprensivi u aċċessibbli billi jipprovdu informazzjoni dwarhom aktar adatta u aċċessibbli għaż-żgħażaġh.

Mira 5: "Niżguraw Spazji Diġitalizzati għaż-Żgħażaġħ"

- a) Inħeġġu lill-Istati Membri jiżguraw standard diġitali minimu fl-Ewropa kollha fir-rigward tal-infrastruttura li tinkludi WiFi/internet b'xejn u għodod diġitali bażiċi għall-użu miż-żgħażaġh.
- b) Inħeġġu lill-Kummissjoni Ewropea talloka fondi speċifiċi għas-settur taż-żgħażaġh biex iż-żgħażaġh jingħataw il-possibbiltà u jiġu edukati biex jiżviluppaw il-ħiliet diġitali b'enfasi speċjali fuq iż-żgħażaġh b'inqas opportunitajiet.
- c) Nirrakkomandaw lill-Kummissjoni Ewropea tiżviluppa qafas fil-livell Ewropew li jkejjel kemm l-ispazji virtwali huma adatti għaż-żgħażaġh, li l-ispazji u l-għodod eżistenti jistgħu jingħataw linji gwida ċari u aġġornati dwar l-użu tal-lingwa aċċessibbli u dwar iċ-ċentralizzazzjoni tal-informazzjoni, sabiex jitneħħew l-ostakli għall-involviment attiv taż-żgħażaġh fil-proċessi soċjali u politiċi.
- d) Nirrakkomandaw li l-Istati Membri jagħmluha possibbli għall-edukaturi fis-setturi formali u mhux formali li jiżguraw li ż-żgħażaġh ikollhom il-kompetenzi u l-għodod meħtieġa biex jipproteġu lilhom infushom minn informazzjoni ħażina u diskors ta' mibegħda fi spazji virtwali billi jstimulaw il-kapaċità tagħhom li jiffurmaw ġudizzju b'mod oġġettiv.

Mira 6: "Niżguraw finanzjament sostenibbli għall-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh"

- a) Nirrakkomandaw lill-Istati Membri jagħtu aktar viżibbiltà lill-ħidma fost iż-żgħażaġh billi jżidu l-aċċessibbiltà tagħha (b'mod partikolari permezz ta' inċentivi għal ħidma mobbli fost iż-żgħażaġh f'żoni rurali u remoti u b'inqas żgħażaġh aċċessibbli) u r-rikonoxximent tagħha (permezz ta' rikonoxximent formali tal-okkupazzjoni, sħubiji attivi mal-edukazzjoni formali u mal-atturi lokali).
- b) Nirrakkomandaw lill-Istati Membri jikkonsolidaw il-pożizzjoni u r-rwol tal-ħidma fost iż-żgħażaġh fi kwistjonijiet tas-soċjetà (sħubijiet f'inizjattivi lokali, avvenimenti, kompetizzjonijiet u proġetti) u jiżguraw ir-rikonoxximent tagħha mis-soċjetà (valorizzazzjoni tal-ħidma fost iż-żgħażaġh).
- c) Nirrakkomandaw lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea jappoġġaw u jintrabtu li joħolqu Pjan ġenerali għall-Irkupru taż-Żgħażaġħ fl-UE, b'azzjonijiet speċifiċi li għandhom jittieħdu fil-livell Ewropew, nazzjonali u dak lokali li jiffokaw fuq il-ħidma fost iż-żgħażaġh u l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh sabiex jingħelbu l-kwistjonijiet li żiedet il-pandemija.

Mira 7: "Nipprovdu informazzjoni rilevanti adatta għaż-żgħażaġh"

- a) Nirrakkomandaw li l-Istati Membri jintroduċu lezzjonijiet regolari dwar il-litteriżmu fil-media u l-informazzjoni fl-edukazzjoni primarja u sekondarja fil-kurrikuli nazzjonali mħejjija u mmonitorjati bir-reqqa, f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet rilevanti taż-żgħażaġh fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali kif ukoll mal-prattikanti tal-media filwaqt li jiżguraw taħriġ għall-għalliema regolari u fil-pajjiż kollu kofinanzjat mill-baġit tal-UE.
- b) Nistiednu lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea jinkludu il-forniment ta' informazzjoni u konsulenza ta' kwalità għaż-żgħażaġh f'konformità mal-Karta Ewropea ta' Informazzjoni dwar iż-Żgħażaġħ fl-istrateġiji tagħhom għaż-żgħażaġh u jipprovdu r-riżorsi għal korp nazzjonali għall-koordinazzjoni tal-informazzjoni dwar iż-żgħażaġh biex iż-żgħażaġh ikollhom aċċess għall-informazzjoni rilevanti fil-livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali.
- c) Nirrakkomandaw li l-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi Strateġija ta' Komunikazzjoni tal-UE għaż-Żgħażaġħ li tipprovdi gwida lill-Istati Membri dwar il-ħolqien konġunt ta' komunikazzjonijiet maż-żgħażaġh, fir-rigward ta' politiki u pubblikazzjonijiet rilevanti għaż-żgħażaġh, filwaqt li jiġi żgurat li dawn il-Komunikazzjonijiet jiġu ppubblikati fuq il-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ fejn jistgħu jseħħu diskussjonijiet u djalogu maż-żgħażaġh.

Referenzi:

Risoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh:

L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 (ĠU C 456, 1.12.2020, p. 1)

Risoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar l-Eżiti tas-Seba' Ċiklu tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ: Strateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 (ĠU C 456, 26.6.2020, p. 1)

Risoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill li tistabbilixxi linji gwida dwar il-governanza tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ - Strateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 (ĠU C 189, 5.6.2019, p. 1)

Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar tisħiħ tal-governanza f'diversi livelli fil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet (ĠU C 241, 21.6.2021, p. 3)

Konklużjonijiet tal-Kunsill, Iż-żgħażaġh fl-azzjoni esterna, Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, dok. 8629/20 tal-5 ta' Ġunju 2020

Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar it-Trawwim tal-kuxjenza demokratika u l-involviment demokratiku fost iż-żgħażaġh fl-Ewropa (ĠU C 415, 1.12.2020, p. 16)

Risoluzzjoni tal-Kunsill dwar id-Djalogu Strutturat u l-iżvilupp futur tad-djalogu maż-żgħażaġh fil-kuntest tal-politiki għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh, wara l-2018 (ĠU C 189, 15.6.2017, p. 1)

CIVICUS, State of Civil Society Reports 2016, Johannesburg, SOCS2016 (civicus.org).